# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imħallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 314/2016**

Il-Pulizija

vs

**George Attard**

Iben Disma, imwieled Pieta' fit-23 ta' Lulju, 1973 u detentur tal-karta tal-identita' numru 393973(M)

Illum 23 ta' Ottubru, 2018,

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant George Attard quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta):

Talli nhar is-26 ta' Jannar, 2015 u żminijiet preċedenti ġewwa r-razzett bl-isem 'Pickless Farm' li jinstab fil-limiti ta' Ħaż-Żabbar u f'dawn il-ġzejjer, b'diversi atti magħmulin minnu ukoll jekk fi żminijiet differenti iżda magħmula b'rizoluzzjoni waħda:

1. Aktar talli fl-istess data, ħin lok u ċirkostanzi, naqas li jaħżen demel tal-bhejjem ġo 'manure storage clamp' bi li tkun koperta u ma tippermettix ċarċir, u li tkun konnessa ma' fossa bi ksur tal-artikolu 5(3) tal-L.S. 504.108 tal-liġijiet ta' Malta.

2. Talli ukoll naqas milli jammetti u jħallas il-multa mposta mid-drettorat tal-Agrikultura f'ittra mibgħuta fl-20 t' Ottubru, 2015 u fis-26 ta' Jannar, 2015 u dan bi ksur tal-artikolu 20(8) tal-L.S. 504.108.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tal-1 ta' Ġunju, 2016 fejn il-Qorti wara li rat ir-regolamenti 5(3) u 20(8) tal-L.S. 504.108 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti sabet lill-imputat George Attard ħati ta' l-ewwel akkuża u għaldaqstant kkundannatu għal tmien mitt ewro (€800) multa filwaqt li ma sabitux ħati tat-tieni akkuża u għaldaqstant illiberatu minnha.

Il-Qorti fissret fi kliem ċar il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

Rat ir-rikors tal-appellanti George Attard minnu ppreżentat fl-10 ta' Ġunju, 2016 fejn talab lil din il-Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata tal-1 ta' Ġunju, 2016 billi filwaqt li tikkonferrnha fejn sabet lill-esponent mhux ħati tat-tieni akkuża, tilliberaħ ukoll mill-ewwel akkuża u konsegwentement tilliberaħ minn kull imputazzjoni u ħtija.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

L-esponent kjarament jaqbel mas-sentenza in kwantu sabitu mhux ħati tat-tieni akkuża. Huwa ma ġiex mitlub jammetti u jħallas il-multa imposta f'ittri mibgħuta fl-20 ta' Ottubru, 2014 u fis-26 ta' Jannar, 2015. L-unika ittra fl-atti li tidher li mponiet multa hija dik datata 15 ta' April, 2015 u hija indirizzata lil Pickless Farm Ltd. Għalhekk l-Ewwel Qorti għamlet sew meta lliberat lill-esponent minn din l-akkuża.

Dwar l-ewwel akkuża pero, l-esponent kellu jiġi liberat ukoll. Ibda biex mill-provi prodotti jirriżulta li l-farm li dwaru saret l-ispezzjoni huwa proprjeta' ta' Pickless Farm Limited. L-istatut ta' din il-kumpannija ma ġiex esebit u ma saret ebda prova dwar id-diretturi jew ir-rapprezentanza tagħha. Anzi jidher li l-persuna responsabbli kienet ċertu John Vella.

Inoltre l-akkuża tirreferi għad-data tas-26 ta' Jannar, 2015 żminijiet preċedenti, meta b1-ittra tas-26 ta' Jannar, 2015 ir-riferenza kienet għall-ispezzjoni tal-20 ta' Ottubru, 2014 u dak in-nhar i1-

kumpannija Pickless Limited kienet ingħatat żmien sabiex tikkonforma ruħha. Ir-reat mhuwiex kostitwit bin-nuqqas ta' konformita', iżda bin-nuqqas 1i jittieħdu l-passi mitluba sabiex fi żmien raġonevo1i min ikun responsabb1i jikkonforma ruħu mal-ordni. Ir-reat semmai ġie kostitwit bl-ittra tal-15 ta' Apri1, 2015 iżda 1-akkuża li suppost kellha tkun bażata fuq din l-ittra kienet waħda konfuża u mhux sostenibbli.

L-artikolu 5(3) tal-L.S. 504.108 jipprovdi li "Demel tal-bhejjem għandu jiġi maħżun ġo manure storage clamp li tkun koperta u ma tippermettix ċarċir, u li tkun konnessa ma' fossa." Din id-dispozizzjoni kulma qed tgħid huwa kif jiġi maħżun id-demel tal-bhejjem, iżda ma timponix li din il-ħażna bilfors trid issir fuq il-post fejn hemm l-annimali. Fiha nnifisha ma tikkostitwix reat.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi din hija kawża sommarja u peress li x-xhieda ma ġietx rekordjata u wisq anqas traskritta din il-Qorti kellha terġa' tisma' x-xhieda mill-ġdid.

Din il-Qorti ser tgħaddi biex teżamina x-xhieda li xehdu quddiem din il-Qorti:

Ix-xhud Philip Camilleri li jkopri r-rwol ta' scientific officer jispjega li fl-inspection li kienet saret fl-20 ta' Ottubru, 2014 huwa kien innota li ma kienx hemm demmiela imsaqqfa konnessa ma' fossa u ċertifikata minn Perit kif tirrikjedi l-liġi. Huma kienu kellmu l-appellant u iktar tard wara li kienu bagħtulu l-ittra ta' twissija indirizzata lil PICKLESS FARM LTD u l-karta tal-identita' tal-appellant datata 20 t'Ottubru, fl-indirizz JoJo Farm, Triq il-Kapuċċini, Ħaż-Żabbar, l-istess appellant permezz tal-Perit tiegħu Hector Zammit infurmhom li għandu bini bla permess u b'hekk huwa ristrett li jibni l-fossa biex ikun konformi mal-liġi.

Jessica Fenech xehdet li tiftakar li wara li kien irċieva l-ittra mingħandhom George Attard kien ċempel u qalilhom li peress li kellu *enforcement* min-naħa tal-MEPA ma setax jagħmel ix-xogħol mitlub . Ir-razzett kien għadu mqabbad mad-dranaġġ dirett u ma kellux faċilitajiet biex jaħżen id-demel fuq ir-razzett, in oltre, l-fossa kellha tkun ċertifikata minn Perit li ma tagħmilx minħabba l-water table. Fit-telefonata hija spjegatlu li jkollhom bżonn l-inforazzjoni li kien qed jgħidilha bil-miktub u infatti kien bagħat ittra lil Dr Justin Zahra id-Direttur , il-Perit tiegħu Hector Zammit. Huwa baqa' ma tax indikazzjoni dwar il-miżuri li kien ser jieħu minħabba n-nuqqasijiet u l-Bord qabel li kellha tinħareġ l-ittra għal penali.

Ix-xhud Frankie Caruana xehed li kien involut għax parti mill-*objective reason group* li huwa grupp intern li jeżamina każijiet fejn ikun hemm nuqqasijiet li jirrigwardaw il-Liġi Sussidjarja tan-nitrati. Huma kienu kellmu l-appellant biex jirranġa s-sitwazzjoni tiegħu għax ir-razzett ma kellux l-istrutturi neċessarji biex ikun jista' jżomm id-demel. Huwa jagħmel referenza għall-ittra tal-Perit li kienu rċevew għan-nom tal-appellant u jgħid li kienu anke ħadu parir legali dwar każijiet simili bħal tal-appellant u l-parir kien biex ikomplu bil-proċedura peress li l-ħsara kienet qed issir.

Chris Debono fix-xhieda tiegħu spjega li l-involviment tiegħu kien *fl-objective reason group* u peress li l-Pickless Farm ma kellux kemm id-demmiela u l-fossa u cioe' mhux konformi mal-liġi. Meta ġie eżaminat il-każ nnotaw li l-appellant ma kien ta ebda 'road map' ċara kif ser jirranġa s-sitwazzjoni tar-razzett u għalhekk komplew bl-azzjoni.

Henriette Putzulu ukoll tgħid li l-involviment tagħha kien *fl-objective reason group* bejn Awwissu tal-2014 sa Ottubru tal-2015 fejn kienu jevalwaw il-każijiet kollha li kienu jiġu quddiem id-direttorat. Hija tkompli tikkonferma li l-appellant ma kellux kemm id-demmiela u l-fossa. Inoltre, id-dranaġġ kien imqabbad mad-dranaġġ pubbliku. A bażi tar-rapporti li saru mill-ispetturi kienu nħarġu l-ittri ta' twissija u peress li ma kienx aderixxa mal-rikjesti tad-direttorat ġie deċiż li jinħarġu l-ittri tal-penali. Inoltre, meta mistoqsija mid-difiża rigward l-isem tar-razzett hija tikkonferma li r-razzett kien jismu Jojo Farm u jissejjaħ ukoll Pickless Farm Ltd u l-informazzjoni rigward George Attard nġabet minn reġistru tal-bdiewa.

Xehed ukoll id-Direttur Dr Justin Zahra fejn huwa kkonferma l-firma tiegħu fuq is-segwenti dokumenti esebiti :

A folio 8 Hija l-kwerela li tintbgħat lill-Pulizija mid-Direttorat tal-Agrikoltura wara li jkun ġie eżawrit il-proċess ta' ittri ta' twissija .Din hija datata 26 ta' Mejju, 2015;
A folio 9-hija l-istess dokument, iffirmata minnu u kif ukoll bil-lista tal-uffiċjali li jkunu trattaw il-każ u jistgħu jissejjħu bħala xhieda.
A folio 26 Ittra ta' twissija datata 20 t'Ottubru, 2014

Huwa jfiehem il-proċedura interna kif isiru l-ispezzjonijiet u jgħid li ikun ittella kampjun minn ġor-reġistru ta' bdiewa , rżieżet jew oqsma reġistrati jew f' każijiet oħra ikun hemm ilment u dan jiġi investigat. L-uffiċjali jagħmlu żjara fuq il-post flimkien mal-bidwi u l-ispetturi iħejju r-rapport sabiex ssir analiżi biex wieħed jara jekk hemmx kollox skont il-liġi. Wara dan ir-rapport jagħmlu kuntatt mal-bidwi jew raħħal u jinfurmawh bin-nuqqasijiet li jrid jirranġa biex ikun konformi. Wara ftit ta' żmien terġa ssir spezzjoni oħra u jekk l-affarijiet ma jkunux tranġaw tintbgħat l-ewwel ittra ta' twissija li tfehmu n-nuqqasijiet u li għandu terminu biex jagħmilhom.

F' dan il-każ l-appellant ma kellux fossa li tilqa l-ħmieġ tal-majjali u kien imqabbad direttament mad-dranaġġ pubbliku.

Meta mistoqsi għal konnotati li hemm fl-ittra ta' twissija huwa jispjega li l-għażla fejn imorru jagħmlu l-ispezzjoni ssir minn ġo database fejn ikun hemm ir-reġistrazzjonijiet li jkunu għamlu l-bdiewa. '*Il-Pickless Farm Ltd kien qiegħed reġistrat għalih b'karta tal-identita' tas-sur George Attard , fuq indirizz Jojo Farm, Triq il-Kapuċċini Żabbar in oltre hemm ukoll reġistrazzjoni tas-Sur George Attard bi profile ID għalih bl-istess indirizz.'*

A folio 23 hemm it-tieni ittra ta' twissija u a folio 21 hija ittra mingħand il-Perit tal-appellant fejn jispjega li r-razzett għandu xi problema mal-MEPA għax hemm enforcement action fuq parti oħra tar-razzett li qegħda żżommu milli jkun jista' jirranġa s-sitwazzjoni. Minħabba din ir-raġuni dan il-każ ġie riferut lil *objective reason board.*

A folio 18 hemm l-ittra ta' penali finali li hija datata 15 t'April, 2015 li tintbgħat meta wara li jkunu taw l-opportunita' lil bidwi xorta ma jkunux waslu.

Id-difiża staqsiet lil Dr Justin Zahra kif jikkonfermaw minhu d-direttur f'każ ta' kumpanija u huwa stqarr li jidħlu fil-website tar-reġistru tal-kumpaniji, pero' huwa xogħol li normalment tagħmel l-iskrivana, ma jiftakarx min għamilha u ma għandux rekord tagħha. Meta mistoqsi l-għala huwa indirizza l-ittri 'Pickless Farm Ltd , JoJo Farm, Triq il-Kapuċċini Żabbar spjega li *fis-sistema Pickless Farm Ltd għandha profile ID 27296 u hija reġistrata fuq l-indirizz JoJo Farm, Triq il-Kapuċċini, Żabbar u umbgħad hemm ukoll profile id ta' George Attard 27654 li għandu l-istess..'*

**Fl-ewwel Aggravju** l-appellant qed jgħid li ma ġietx imressqa l-prova dwar minhu id-direttur u jsemmi ċertu John Vella u mhux l-appellant. Huwa tassew minnu li ma hemm ebda dokument fl-atti li juri minhu d-direttur tal-Pickless Farm pero' meta rċieva l-ittra l-appellant mill-ewwel ċempel lid-dipartiment u konsegwentement bagħat l-ittra mill-Perit tiegħu li ma jistax jirranġa n-nuqqasijiet fil-propjeta' minħabba li għandu enforcement fuq l-art.

Li kieku l-appellant ma kellux interess jew ma kienx responsabbli għall-Pickless Farm Ltd ma kienx ser joqgħod kemm iċempel jew jqabbad Perit biex jibgħat l-ittra li tinsab fil-proċess lid-dipartiment. Inoltre, l-istess direttur Dr Justin Zahra jixhed li l-informazzjoni dwar ir-razzett tinkiseb minn reġistru li jkunu reġsitraw fiha l-bdiewa, u li għalkemm ma kienx hemm preżentat fl-atti t-tfittxija li tkun saret mid-dipartiment fil-website tar-reġistru tal-kumpaniji , hija xi ħaġa li ssir regolarment.

Fir-rigward tal-isem 'John Vella' li jinsab f'dokument fil-proċess, u cioe lejn l-aħħar tal-*inspection report* , l-istess direttur meta mistoqsi mid-difiża jgħid li l-isem kien żball '*typing error'* u l-isem John Vella ma għandu x'jaqsam xejn mal-każ.

L-appellant mal-ewwel wera interess meta rċieva l-ittra mingħand id-direttorat, n-numru tal-karta tal-identita' tal-appellant huwa konsistenti f'kull ittra u għal dawn ir-raġunijiet din il-Qorti tinsab sodisfatta li l-ittri u l-akkużi nħarġu tajjeb.

Għaldaqstant dan l-aggravju mhux qed jiġi milqugħ.

Bħala **tieni aggravju** l-appellant jikkwota L-artikolu 5(3) tal-L.S. 504.108 u jargumenta li d-dispozizzjoni tipprovdi kif għandu jiġi maħżun id-demel tal-bhejjem pero' m'hemmx għalfejn issir fuq il-post fejn hemm l-annimali u din ma tikkostitwix reat.

Illi dan jikkostitwixxi reat għax hija imposta mill-liġi u matul l-ispezzjoni dan ir-rekwiżit ma kienx hemm. L-appellant fl-ebda ħin ma ta indikazzjoni li ser jirranġa n-nuqqasijiet tiegħu billi jipprovdi post alternattiv għal ħażna tad-demel jew għal komunikazzjoni alternattiva tal-fossa anzi talab lil Perit tiegħu biex jibgħat ittra lid-Direttorat fejn jinfurmhom li peress li għandu enforcement fuq l-art ma jistax jirranġa s-sitwazzjoni. Illi huwa kien ngħata ċans biex jirranġa u l-*objective reason board* kompliet tmexxi bil-proċeduri minħabba li l-istess appellant ma infurmax id-direttorat kif ser jagħmel biex ma tkomplix issir il-ħsara. Għaldaqstant dan l-aggravju mhux qed jiġi milqugħ.

Għaldaqstant, ghal dawn ir-raġunijiet din il-Qorti qed tiċħad l-appell ta' George Attard u tikkonferma s-sentenza appellata.